MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 407/2006/1

**Emanuel Cutajar**

**v.**

**Valerie Cutajar**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-attur minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fl-10 ta’ Novembru 2011, li permezz taghha dik il-Qorti, ippronunzjat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet tort tal-konvenuta filwaqt li osservat hekk:

“Il-Qorti hija ghalhekk konvinta li l-konvenuta kienet hatja ta’ ngurji gravi fil-konfront tal-attur, anzi tasal biex tghid li anke hemm provi sufficjenti li kkommettiet adulterju.”

2. Barra minn hekk, laqghet ir-raba’ u l-hames talbiet billi llikwidati u assenjat hekk il-komunjoni tal-akkwisti:
“ ...li l-assi kollha fil-Borza ta’ Malta u l-kontijiet bankarji u kull titolu ma’ istituzzjoni ta’ kreditu, fosthom ishma ta’ socjetajiet u ta’ skemi kollettivi ta’ tifdil kollha f’isem il-partijiet sija konguntivament u sija wahedhom jigu maqsuma billi kull parti tiehu nofs l-istess assi u kontijiet bankarji; l-attur jigi assenjat il-vettura Isuzu u l-konvenuta l-vettura Hyundai; jibqa’ mpregudikat id-dritt tal-konvenuta li titlob nofs il-valur tax-xoghlijiet li saru biex inbniet u giet abbellita d-dar matrimonjali mid-data taz-zwieg sallum. Kull dejn li sar mill-partijiet mill-1 ta’ Jannar 2005 sallum ikun a kariku ta’ min ghamlu. Tilqa’ t-talba li jigu applikati d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta...”

3. Permezz tal-appell tieghu, l-attur appellant qed jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi thassarha f’dik il-parti tas-sentenza fejn laqghet ir-raba’ u l-hames talbiet tieghu, u minflok, takkorda l-assi kollha tal-komunjoni tal-akkwisti lilu bl-applikazzjoni tad-dispozizzjoni tal-Artikolu 48 [1][c] tal-Kap fuq citat. Talab ukoll li l-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku tal-konvenuta appellata.

4. Min-naha taghha l-konvenuta, ghar-ragunijiet indikati minnha fir-risposta taghha, qed titlob li l-appell tal-attur jigi michud bl-ispejjez a kariku tal-appellant.

L-Appell

5. L-aggravju tal-appellant jirrigwarda l-qsim u l-assenjazzjoni tal-assi tal-komunjoni. Hu jsostni li, gjaladarba l-ewwel Qorti sabet lill-appellata hatja ta’ adulterju allura kellha tapplika fil-konfront taghha is-sub inciz [1][c] tal-Artikolu 48 billi tordna li l-assi tal-komunjoni jigu assenjati kollha lilu peress li *“mill-provi huwa evidentissimu li l-appellant kien dik il-part fiz-zwieg li kien*

*jahdem u jaqla' il-flus biex ikunu akkwistati u abbelliti l-assi kollha tal-kommunjoni......"*

6. Konformament isostni li l-appellata ma kellhiex tigi assenjata l-vettura Hyundai Accent, u l-flus formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Hassu aggravat ukoll minn dak dikjarat mill-ewwel Qorti meta halliet impregudikat id-dritt tal-appellata li titlob nofs l-ispejjez biex giet kostruwita u abbellita d-dar matrimonjali.

7. Fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-proprjeta` parafernali tal-partijiet, u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti, l-ewwel Qorti osservat hekk:

"**<u>QSIM TAL-KOMUNJONI U RITORN TA' BENI PARAFERNALI</u>**

Illi ma hemmx kontestazzjoni illi d-dar konjugali msemmija fir-rikors inbniet fuq art li l-attur xtara qabel iż-żwieg tiegħu mal-konvenuta u għalhekk il-proprjeta` *ut sic* ma taqax fil-komunjoni tal-akkwisti. Ma hemmx dubju lanqas illi skont il-provi li tressqu l-bini attwali tad-dar sar matul iż-żwieġ. Fil-fatt il-konvenuta aċċennat għal dan fl-affidavit tagħha madankollu ma ressqet ebda prova dwar il-valur tax-xogħlijiet li saru biex inbena l-post. Għalhekk f'din il-kawża, il-Qorti ma tistax takkordalha n-nofs ta' dak il-valur ladarba hija stess ma ressqitx provi dwar il-konsistenza ta' dak il-valur; il-Qorti pero` biex tassikura li ssir ġustizzja se tħalli impreġudikat id-dritt li titlob dan l-ammont. Il-Qorti tħoss ukoll li tista' tagħmel dan minħabba li ma hemmx talba *ut sic* fir-rigward. Peress li l-attur huwa proprjetajru tal-fond u l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali ma hemm ebda problema għall-Qorti li tilqa' t-tielet talba tiegħu għal kull *buon fini*. Mill-bqija hemm diversi kontijiet bankarji u assi fil-borża li naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-kontendenti. Il-partijiet jidher li fil-pussess tagħhom għandhom vettura kull wieħed li xieraq li jkunu assenjati lilhom. L-attriċi għamlet referenza żgħira għall-mobbli li hemm fid-dar mingħajr pero` ma speċifikatx x'inhuma l-valuri relattivi."

8. Rigward id-dar matrimonjali, din il-Qorti tosserva li rrizulta wkoll li, wara li l-appellata kienet telqet bit-tfal mid-dar, saru xoghlijiet ta' riparazzjoni kawzati minn hruq li sehh fl-istess dar.

9. L-appellata min-naha taghha, filwaqt li tibqa' ssostni li hi mhijex hatja ta' adulterju, taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-assi tal-komunjoni jinqasmu bejniethom f'zewg porzjonijiet ugwali, stante li s-sanzjonijiet taht l-imsemmi Artikolu 48 huma applikabbli biss ghal dawk l-akkwisti li jkunu saru wara d-data tad-dekadenza stabbilita mill-Qorti. Tghid li fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti ddecidiet li tapplika s-sanzjonijiet mid-data tas-sentenza, u cioe` minn dak in-nhar li ppronunzjat is-separazzjoni u ddikjarat il-htija tal-konvenuta ghall-istess.

10. Tghid ukoll li l-appellant stess, fir-rikors promotur originali, talab l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti *"kif likwidata f'zewg porzjonijiet u tassenja lil kull wiehed u wahda mill-partijiet wahda miz-zewg porzjonijiet tal-komunjoni tal-akkwisti bl-applikazzjoni tal-Artikoli 48 u 51..."*

11. Illi l-Artikolu 48, sa fejn hu rilevanti jaqra hekk:
"[1] Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun il-htija tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 38 u 41 titlef...
… …"

"[c] kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita' mill-qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tigi kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafju biex jigi determinat jekk l-akkwist ikunx sar l-aktar bil-hidma ta' wahda mill-partijiet fiz-zwieg, ghandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewg partijiet skont l-artikolu 3 ta' dan il-Kodici."

12. Mid-dispozizzjoni tal-ligi citata, jirrizulta car li t-telf ta' nofs l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti jibda japplika mid-data li l-Qorti tkun stabbiliet bhala d-data li l-parti tkun hatja tal-firda. Din id-data ghandha tigi indikata fis-sentenza, u fin-nuqqas, ghandha titqies li hi d-data tas-

sentenza li tkun ippronunzjat is-separazzjoni u l-htija ghall-istess.

13. Fil-kaz in dizamina, ghalkemm l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ma iffissatx espressament id-data tad-dekadenza, izda indikat data, cioe` l-1 ta’ Jannar 2005, li minkejja li ddikjarat li minn dik id-data kull dejn jibqa’ tal-parti li tkun ghamlitu, l-ewwel Qorti riedet li din id-data tkun dik tad-dekadenza tal-mara mill-komunjoni.

14. Fir-rigward tad-data tad-dekadenza, il-Qorti tosserva li, minkejja l-emfazi li l-appellant qed jaghmel dwar id-data tad-dekadenza, u li din kellha tkun data qabel dik li fiha nghatat is-sentenza, b’mod li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 48[1][c], l-assi tal-komunjoni kellhom jigu assenjati kollha lilu, u minkejja li din il-prova tad-data tad-dekadenza tirrisjedi fuq l-appellant bhala attur li qed jitlob fil-konfront tal-konvenuta l-applikazzjoni tal-artikolu precitat, il-provi fir-rigward huma skarsi, u sa certu punt konfliggenti. Dan qed jinghad ghax, filwaqt li fl-affidavit tieghu redatt fil-25 ta’ Mejju 2008 l-appellant jghid li l-appellata kienet telqet mid-dar *“xi sitt snin ilu”*[1], u allura fis-sena 2002, fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti moghtija fit-28 ta’ Jannar 2010 jghid li l-appellata *“issa ilha nieqsa nahseb erba’ [4] snin mid-dar.”*[2], u allura fis-sena 2006. Il-bqija m’ hemmx dati ohra msemmija, ghajr in-notament li hemm taht wiehed mir-ritratti ezebit, li jaqra hekk: *“She left home 19 July 2004”*[3] Izda dan ma giex konfermat bil-gurament.

15. Ghalkemm id-data preciza meta l-appellata telqet mid-dar ma tirrizultax provata, hemm provi bizzejjed li juru li l-appellata kienet tikkommunika bl-internet ma’ rgiel ohra, kif jirrizulta mill-emails u birthday cards romantici li ntbaghtu fis-snin 2002 u 2004. L-appellata ammettiet li fost il-hbieb taghha kien hemm ukoll irgiel, barranin u Maltin, fosthom Frank Pichard li okkazjonalment kienet tmur ghandu d-dar.

---

[1] Fol.62
[2] Fol.113 u 115
[3] Fol.119

16. Din il-Qorti tosserva li l-fatt li l-ewwel Qorti applikat l-Artikolu 48 anke b'referenza ghall-Artikolu 51[4], juri li l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 ma kienitx qed issir *ex lege* minhabba l-adulterju biss, izda anke minhabba l-ingurji gravi kommessi mill-appellata matul il-konvivenza meta, tramite l-internet, kienet taghmel hbiberiji ma' rgiel ohra, u tircevi emails ta' natura romantika. Mill-provi jirrizulta li dan kien sehh diversi drabi matul is-sena 2003, u anke fis-sena 2004 kif tixhed il-karta tal-milied mibghuta minn "Frank".[5]

17. Ghalhekk hemm provi sufficjenti li l-ingurji gravi kienu bdew fis-sena 2003, u l-appellant ghandu ragun fl-aggravju tieghu, li d-data tad-dekadenza ma kellhiex tkun dik tas-sentenza, izda ferm qabel.

18. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hi tal-fehema li l-ewwel Qorti kellha tistabbilixxi bhala d-data tal-firda u tal-konsegwenzjali dekadenza l-1 ta' Jannar 2005, b'mod li dak kollu li kien gie akkwistat mill-appellant wara din id-data ghandu jigi assenjat kollu lilu, filwaqt li l-akkwisti li saru qabel din id-data, u l-ispejjez li saru mill-komunjoni tal-akkwisti wkoll <u>qabel</u> din id-data ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet ugwalment.

19. Ghalhekk dawk il-kontijiet bankarji u l-investimenti fil-Borza ta' Malta, u xi titoli ohra li kienu ezistenti qabel dik id-data ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, filwaqt li dawk li nholqu wara dik id-data ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom lill-parti li fuqha jkunu ntestati.

20. Rigward il-vettura Hyundai, mill-provi jirrizulta li din kienet giet akkwistata mill-partijiet qabel l-imsemmija data, u precizament fit-8 ta' Novembru 1996, u ghalhekk tappartjeni liz-zewg partijiet.

---

[4] L-Art.51 jaqra hekk: "Il-firda li ssir minhabba xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmija fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taht ic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jghoddu, f' kollox jew f' bicca, id-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu."

[5] Fol.85

21. In kwantu ghall-kreditu tal-komunjoni tal-akkwisti kontra l-appellant, rapprezentanti l-spejjez mahruga waqt iz-zwieg ghax-xoghlijiet li saru biex inbniet u giet abbellita d-dar matrimonjali proprjeta` parafernali tal-appellant, id-dritt li l-ewwel Qorti rrizervat lill-appellata sabiex tirriklama nofs dawn l-ispejjez ghandu jestendi biss ghal dawk l-ispejjez li saru qabel l-1 ta' Jannar 2005.

22. Rigward it-tezi tal-appellata li l-ewwel Qorti laqghet dak li talab l-appellant fir-rikors guramentat, il-Qorti tosserva li l-appellant ma talabx li l-assi tal-komunjoni jinqasmu <u>ugwalment</u>, izda talab il-likwidazzjoni *"bl-applikazzjoni tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-intimata",* li jfisser li fl-assenjazzjoni l-ewwel Qorti kienet giet mitluba tapplika s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48, inkluz is-sub inciz [1][c] tieghu. Ghalhekk dan l-argument tal-appellata huwa insostenibbli.

23. Ghaldaqstant l-aggravju tal-appellant huwa fondat limitatament ghall-konsiderazzjonijiet premessi.

<u>Decide</u>

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li, ghall-finijiet tal-Artikolu 48[1][c] Kap.16 tistabbilixxi d-data tal-1 ta' Jannar 2005 bhala d-data tad-dekadenza kontra l-appellata, b'mod li minn dakinhar ghandu japplika kontra l-appellata l-Artikolu 48(1)(c) tal-Kodici Civili; konformament tiddikjara li r-rizerva tad-dritt tal-appellata li tirriklama nofs l-ispejjez inkorsi fil-kostruzzjoni u l-abbelliment tad-dar matrimonjali jestendi sa l-imsemmija data.

L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell ghandhom jigu sopportati mill-appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------